MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 111/2004

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu hawn Malta u dana hekk kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘JS 1’.

U premess illi miz-zwieg ma twieldux tfal u llum il-partijiet jinsabu gja’ legal isseparati.

U premess illi l-istess zwieg ta’ bejn il-kontendenti kien ivvizzjat stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

U premess illi in oltre l-kunsens tal-partijiet jew ta’ wiehed minnhom kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

U premess illi l-kunsens tal-partijiet jew ta’ wiehed minnhom inkiseb ukoll bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

U premess illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti u dana precizament ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(c) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, il-lista tax-xhieda, u l-affidavits;

Rat li l-konvenuta debitament ingunta ghazlet li tibqa’kontumaci;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu

kuntrattat mal-konvenuta fis-7 ta' Novembru 1981 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attur jiddeponi.

Illi mill-provi jirrizulta li fis-7 ta' Novembru 1981 l-attur izzewweg lill-konvenuta wara li kienu ilhom jafu lil xulxin tmien xhur. Fis-sena 1992 il-partijiet isseparaw.

Illi l-attur jghid li huma ma kienux preparati ghaz-zwieg, izda peress li kellhom l-opportunita' li jakkwistaw post tal-Gvern, il-partijiet iddecidew li jizzewwgu. Huwa jghid li wara z-zwieg "Il-hajja ta' l-gherusija tieghi ftit biddlet dak li jiena kont nghamel anke meta kont 'single' ghaliex jiena bqajt anke nohrog wahdi meta jidhirli … Nghid illi dak li konna naghmlu [fl-gherusija] ftit inbidel wara z-zwieg taghna ghaliex ahna bqajna nghixu bl-istess mod fis-sens illi qatt ma nkunu d-dar, u t-tnejn naghmlu dak li li jidhrilna." [fol.36] L-attur jghid li tul dawn l-14 il-sena li l-partijiet ilhom mifrudin qatt ma regghu ghamlu kuntatt ma' xulxin.

Tfal minn dan iz-zwieg ma kienx hemm.

Illi mill-kwadru tal-fatti premess il-Qorti tirravvisa fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Dak iz-zmien l-attur kellu 22 sena filwaqt li l-konvenuta kellha 18 il-sena, u r-raguni mghotija li wasslithom ghad-decizjoni li jizzewwgu fi zmien daqshekk qasir li saru jafu lil xulxin, kif ukoll in-nuqqas ta' preparazzjoni ghal dan iz-zwieg, u specjalment il-mod kif huma baqghu jghixu wara z-zwieg, wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali. Dan huwa aktar evidenzjat mill-fatt illi, nonostante li huma kienu zzewwgu, huma xorta wahda baqghu jghixu bil-mod li kienu jghixu meta kienu gharajjes, u fi kliem il-konvenut "ma kien tbiddel xejn".

Dan jispjega wkoll ir-raguni ghaliex il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet ma zviluppatx.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255 fil-konfront taz-zewg partijiet.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Novembru 1981. L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------